MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2007/2003

**Maltacom p.l.c.**
**vs**

**Irene Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u sebgha u disghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm897.95), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21658739 liema servizz gie nstallat fil-fond bin-numru Siesta, Triq l-Izbark tat-Torok, Birzebbugia, skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness mal-avviz markat Dok.A u kuntratt relattiv markat Dok.B ;**
**Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-13 ta' Frar, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenuta, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u sebgha u disghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm897.95) bl-imghax legali mit-2 ta' Frar, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------